L-INTERVISTA

# L-Iscouts f'Għawdex

DUN EDDIE ZAMMIT JINTERVISTA
**LIS-SUR LORRIE SALIBA,**
*GROUP SCOUT LEADER* TAL-*VICTORIA SCOUT GROUP*

1. ***Min waqqaf il-moviment ta' l-*Iscouts *fid-dinja u f'liema żmien?***
Il-Moviment ta' l-*iscouts* twaqqaf minn Lord Baden Powell fl-1907 fl-Ingilterra. Baden Powell dejjem kellu ħajja avventuruża u minn meta kien żgħir kien imur jikkampja u jibbordja. Meta spiċċa mill-iskola daħal fl-armata ngliża u serva f'pajjiżi bħall-Indja u l-Afrika t'Isfel. Għad li kellu jimxi mar-regolamenti tal-militar u jittrenja lis-suldati bil-metodi rakkomandati, kien ukoll jieħu inizjattivi u jittrenja lis-suldati tiegħu b'metodi differenti li jġiegħlu lis-suldat juża moħħu u jieħu inizjattivi mingħajr ma joqgħod jiddependi biss mill-fizzjali tiegħu. Fil-gwerra kontra l-Moeri fl-Afrika t'Isfel, Baden Powell irnexxielu jiddefendi b'suċċess il-belt ta' Mafeking (illum Mafikeng) waqt assedju li dam sejjer 248 ġurnata. Minħabba n-numru żgħir ta' suldati biex jiddefendu, Baden Powell, utilizza t-tfal biex jagħmlu ċertu xogħol bħal ġarr ta' messaġġi u affarijiet oħra biex ma jkunx hemm għalfejn juża suldat. B'hekk is-suldati setgħu jaqdu dmirhom jiddefendu l-belt li kienet assedjata minn madwar 8000 Boeri kontra l-1231 difensur armat. Baden Powell induna li t-tfal qdew dmirhom tajjeb għax kienu mgħobbijin bir-responsabilità u afdati.

2. ***Fuq liema prinċipji hu mibni l-moviment ta' l-*Iscouts*?***
Il-Moviment għandu l-iskop li jiżviluppa lit-tfal mentalment, fiżikament, soċjalment u spiritwalment. Dan isir b'taħriġ regolari waqt attivitajiet li jsiru l-iktar fil-beraħ fejn l-*iscouts* jistgħu jammiraw il-kobor t'Alla fil-ħolqien naturali ta' madwarhom. It-tfal jiżviluppaw il-karattru tagħhom b'taħriġ fl-ubbidjenza, lealtà, patrijottiżmu, responsabbiltà tagħhom infushom, u b'tagħlim li jħarriġhom kif ikunu ta' għajnuna lil ħaddieħor. Dan kollu jsir fl-ambitu tal-Liġi u l-Wegħda





ta' l-*Iscouts* li kull membru jwiegħed li josserva mill-aħjar li jista'. Dawn jinqasmu fi tnejn. Hemm il-Liġi u l-Wegħda tal-*Cub Scouts* (8-10 snin) u l-Liġi u l-Wegħda ta' l-*Iscouts* (minn 11-il sena 'l fuq).

**Il-Liġi tal-*Cub Scouts*:**

*Cub Scout* jagħmel ħiltu biex:

1. Jaħseb għal ħaddieħor qabel għalih innifsu.
2. Jagħmel xi ħaġa tajba kuljum.

**Il-Wegħda tal-*Cub Scouts*:**

Inwiegħed li nagħmel ħilti:

Biex naqdi dmiri lejn Alla u Art Twelidi
Biex ngħin lil ħaddieħor
Li nobdi l-Liġi tal-*Cub Scouts*.

**Il-Liġi ta' l-*Iscouts*:**

1. L-unur ta' *Scout* għandu jkun afdat.
2. *Scout* hu leali u ubbidjenti.
3. Id-dmir ta' *Scout* hu li jkun ta' siwi u għajnuna għal ħaddieħor.
4. *Scout* hu ħabib ta' kulħadd u jqis ruħu bħala ħu kull *Scout* ieħor.
5. *Scout* hu dħuli, ħanin u jaf jagħder.
6. *Scout* iżomm ruħu rassenjat f'kull tiġrib.
7. *Scout* jagħmel użu tajjeb minn ħinu u ma jaħlix jew iwettaq ħsara fil-proprjetà.
8. *Scout* hu nadif fil-ħsieb, fil-kliem u fl-għemil tiegħu.

**Il-Wegħda ta' l-*Iscouts*:**

Fuq l-unur tiegħi nwiegħed li nagħmel ħilti:

Biex naqdi dmiri lejn Alla u Art Twelidi,
Biex ngħin lil ħaddieħor f'kull ħin,
Li nobdi l-Liġi ta' l-*Iscouts*.

### 3. *Meta bdew l-Iscouts f'Malta?*

F'Malta bdew fl-1908, ftit żmien biss wara l-Ingilterra. Dan sar għaliex xi nies tas-servizzi Ingliżi li dak iż-żmien kienu Malta bdew l-*Iscouts* wara li ġabu l-idea mill-Ingilterra.

### 4. *U f'Għawdex?*

F'Għawdex bdew fl-1916 fir-Rabat, l-istess sena li fiha bdew il-*Cub Scouts* fl-Ingilterra. L-ewwel Grupp kien jismu l-*Gozo Secondary School* u ġie reġistrat fl-1 ta' Novembru.

### 5. *L-Iscouts dejjem baqgħu r-Rabat?*

Le. Fil-fatt, fis-snin tat-tletinijiet kienet saret ħidma kbira mid-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni biex isiru attivitajiet wara l-ħin ta' l-iskola u d-direttur inkoraġġixxa lill-għalliema biex jiftħu gruppi ta' *Scouts* fl-irħula. Għalhekk f'dawn



is-snin kien hemm grupp ta' l-*Iscouts* kważi fl-irħula kollha t'Għawdex. Sfortunatament, mal-bidu tal-gwerra ħafna mill-Mexxejja nqabdu bil-lieva jew fuq xogħol Malta u l-gruppi mietu mewta naturali. L-iktar attivi kienu dawk tax-Xagħra, Nadur, Xewkija u Għajnsielem, barra minn tar-Rabat. Uħud mill-gruppi li kien hemm fl-irħula kienu x-xrara li kebbset il-bidu tal-banda tal-lokal jew tat-tim tal-futbol.

6. ***Kif twaqqaf il-*Victoria Scout Group *li llum hu l-uniku Grupp ta' l-*Iscouts *f'Għawdex?***

Il-Grupp ta' l-*Iscouts* fir-Rabat dejjem baqa' jeżisti mit-twaqqif tal-*Gozo Secondary School Group*. Maż-żmien biddel l-isem u sar magħruf bħala l-*Victoria Scout Group*. Kellu diversi postijiet bħala kwartieri, l-aħħar fosthom fiċ-Ċittadella fejn illum hemm il-Mużew ta' l-Arkeoloġija. Fl-1948 il-*Victoria Group* għalaq biex fetaħ is-*Salesian Scout Group* fl-Oratorju Don Bosco li f'dak iż-żmien sar il-lokal ewlieni fejn jinġabru t-tfal u ż-żgħażagħ tar-Rabat.

Fl-1963 grupp ta' mexxejja ġabu l-permess mill-*Island Headquarters* biex jerġa' jinfetaħ il-*Victoria Scout Group*. Is-Sinjura Ġorġa Grech poġġiet dar li kellha fi Triq Għajn Qatet għad-dispożizzjoni tal-*Group* biex isservi ta' kwartieri sakemm il-Grupp jirnexxilu jsib post.

Il-Kunsill tal-Grupp flimkien mal-membri kollha matul is-snin, ħadem bis-sħiħ biex jirnexxilu jiġbor fondi biex ikun jista' jkollu l-post tiegħu. Din il-ħolma saret realtà fl-1989 bil-ftuħ tal-kwartieri l-ġodda fi Triq Santa Dminka wara li l-Grupp irnexxielu jixtri l-art u jibni l-post tant mixtieq. Xi snin wara nħasset il-ħtieġa ta' iktar spazju u din is-sena inawgurajna estensjoni ġdida.

7. **Kemm għandkom membri fil-Grupp u kif inhuma mqassmin?**

Fil-Grupp bħalissa għandna







120 membru. Naturalment, il-biċċa l-kbira huma mir-Rabat. Iżda għandna wkoll xi membri li jiġu mill-irħula.

Il-membri huma mqassmin f'erba' sezzjonijiet. Hemm il-*Cub Scouts*, għal dawk bejn 8 u 11-il sena; l-*Iscouts*, għal dawk ta' bejn il-11 u 15-il sena; il-*Venture Scouts* għal dawk ta' bejn il-15 u t-18-il sena; u r-*Rover Scouts* għal dawk ta' 'l fuq minn 18-il sena. Ma' dawn hemm il-mexxejja għal kull sezzjoni.

**8. X'inhuma l-attivitajiet prinċipali?**

Kull sezzjoni żżomm il-laqgħa tagħha ta' darba fil-ġimgħa kif ukoll diversi attivitajiet fil-beraħ bħal ħarġiet fil-kampanja u ħdejn il-baħar, kampijiet li jdumu minn jumejn sa tmint ijiem, parteċipazzjoni f'festi nazzjonali u reliġjużi, kif ukoll nimpenjaw ruħna f'ħidma b'riżq gruppi inqas ixxurtjati bħal nies b'diżabilità, refuġjati u oħrajn.

Ghandna diversi ġemellaġġi ma' gruppi ta' *Scouts* barranin, nieħdu parti fil-*Jamboree-on-the Air* meta l-*Iscouts* tad-dinja kollha jqattgħu 48 siegħa jikkuntattjaw lil xulxin bir-radju, kif ukoll f'kampijiet internazzjonali u *World Jamborees* li jsiru kull erba' snin.

Iżda, forsi l-aktar attività mportanti li ssir hi dik li l-inqas li tidher fil-pubbliku. Din hi t-taħriġ kontinwu li jsir matul il-laqgħat u l-attivitajiet biex l-*Iscout* jitgħallem dak li jeħtieġ biex għada pitgħada jkun kapaċi jfendi għal rasu u ma jkunx ta' piż fuq is-soċjetà.

**9. Tixtieq tagħmel xi appell lit-tfal u lill-istudenti tagħna?**

Jien inħoss li l-Moviment ta' l-*Iscouts* huwa wieħed mill-movimenti fejn tingħata formazzjoni soda permezz ta' dixxiplina biex wieħed jibni karattru sod, jitla' jirrispetta lill-oħrajn u l-ambjent ta' madwaru, ikun bniedem attiv u lest li jagħti daqqa t'id fejn ikun meħtieġ bħala ċittadin kif ukoll bħala Nisrani. Nirrikkmandah ħafna lil dawk li jixtiequ programm ta' formazzjoni serja.





